MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 133/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Renato Thomas Arcidiacono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Renato Thomas Arcidiacono fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Eurodecor Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (9) id-denunzja li saru dovuti fil-perijodi li ntemmu fil-31 ta’

Jannar 2007 sal-31 ta’ Ottubru 2008 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Renato Thomas Arcidiacono jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tliet xhur, taht multa ta’ mhux inqas minn erba’ euro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn tlieta u ghoxrin euro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Renato Thomas Arcidiacono hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu tmin mitt euro multa (€800.00) u sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Renato Thomas Arcidiacono pprezentat fl-24 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tikkancella, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjoni, htija u piena; (2) fl-eventwalita li din il-Qorti ma tilqax l-aggravju fuq il-htija o meno tal-appellant, tirriforma s-sentenza fil-parti fejn ikkundannatu ghal multa ta’ tmien mitt euro (€800) u minflok tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma missux instab hati peress illi ma kienx jaf u ma setax b’diligenza ragonevoli jkun jaf b’dak in-nuqqas, u peress

illi ghamel kull ma seta' sabiex izomm milli jsir dak in-nuqqas; (2) li dwar in-nuqqas ta' prezentata ta' denunzji diga` ttiehdu proceduri kriminali kontra Ivano Arcidiacono li nstab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru 2009, u dan ifisser illi ttiehdu proceduri doppji dwar l-istess fatt li jikkostitwixxi reat wiehed; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jistax jinstab hati ai termini ta' l-artikolu 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi huwa direttur u japplika semmai ghalih l-artikolu 82(1) tal-Kap. 406.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi kien intlahaq ftehim bejn id-diretturi tas-socjeta` Eurodecor Ltd., fosthom l-appellant u Ivano Arcidiacono, permezz ta' liema Ivano Arcidiacono assuma l-inkarigu rigward l-obbligi fiskali tal-kumpanija, u ghalhekk huwa kien gie assikurat illi dawn l-obbligi kienu qed jigu osservati da parti ta' min assumihom f'isem is-socjeta` Eurodecor Ltd u l-ufficjali taghha. Barra minn hekk Ivano Arcidiacono kien intaghzel minhabba l-gharfien li kellu dwar il-ligijiet li ghandhom x'jaqsmu mat-taxxa fuq il-valur mizjud u t-taxxa fuq id-dhul. L-appellant jghid ukoll illi d-doveri tieghu kienu **"**izjed jolqtu l-*marketing* tal-kumpanija milli l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-istess**"**.

L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma li huwa direttur tal-kumpanija Eurodecor Ltd. Qal illi huwa jiehu hsieb il-*marketing* filwaqt illi l-*accounts*, inkluz dak li ghandu x'jaqsam mal-VAT, jiehu hsiebhom Ivano Arcidiacono. Mistoqsi ghandux ideja ghaliex Ivano Arcidiacono ma pprezentax id-denunzji relattivi, l-appellant wiegeb: *"M'ghandix ideja. Ghax f'idejh. Jiena fis-sales ikolli x'naqsam, fil-marketing."*

L-artikolu 27(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: **"Kull persuna registrata taht l-artikolu 10 ghandha taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull zmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta' taxxa relattiv."** L-artikolu 76(c) imbaghad jiddisponi li kull

persuna li **"tonqos milli taghmel denunzja ta' taxxa jew kull denunzja addizzjonali … tkun hatja ta' reat."**

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni illi l-fatt in kwistjoni kien diga` ndirizzat fil-proceduri kontra Ivano Arcidiacono, u ghalhekk ma jmisshomx ittiehdu dawn il-proceduri wkoll. Jghid illi sabiex wiehed ikun jista' jiggustifika l-azzjoni kontra tieghu, **"**wiehed jasal biex jghid illi kull persuna li tokkupa l-pozizzjoni ta' direttur f'xi socjeta` kummercjali ghandha individwalment tibghat denunzja ghal kull perijodu ta' taxxa rrispettivament minn dak li jkunu ghamlu diretturi jew ufficjali ohrajn tal-kumpanija, liema sitwazzjoni, fil-fatt mhix dik kontemplata mil-ligi**".**

Bhala direttur tas-socjeta` Eurodecor Ltd. l-appellant kien responsabbli li jara li d-denunzji msemmija jsiru. L-appellant m'ghandux ragun meta jghid illi biex wiehed jista' jiggustifika l-azzjoni kontra tieghu, ifisser li kull direttur ghandu individwalment jibghat denunzja. L-obbligu ta' kull direttur hu li jara li d-denunzji jintbaghtu, u ghalhekk, jekk fil-kumpanija tkun giet inkarigata persuna biex tiehu hsieb dawn id-denunzji, kull direttur huwa responsbbli biex jara li dak id-dmir twettaq u, jekk le, jara li jitwettaq.

Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jghid illi huwa m'ghandux il-kwalitajiet illi jrid ikollha persuna sabiex tinsab hatja taht l-artikolu 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 82(2) ma japplikax ghal direttur ta' kumpanija, u l-prosekuzzjoni gabet prova li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur. Skond l-appellant, "element fundamentali tar-reat kontemplat mill-artikolu 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta naqas milli jigi ppruvat".

Huwa minnu li fic-citazzjoni u fis-sentenza appellata gie citat is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 82 tal-Kap. 406. Fil-fatt dak li japplika ghall-kaz odjern huwa s-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 82. Issa, fic-citazzjoni m'hemm l-ebda obbligu li jissemmew l-artikoli rilevanti u ghalhekk jekk jissemmew artikoli li mhumiex applikabbli dan ma jrendix ic-citazzjoni nulla. Inoltre l-fatt li fis-sentenza saret

referenza ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 82 ma jfissirx illi s-sentenza appellata hi nulla peress illi l-artikolu 82 mhuwiex l-artikolu li jikkontempla r-reat. Fil-fatt l-artikolu 82, fiz-zewg subartikoli tieghu, jiddefinixxi min jitqies responsabbli ghal nuqqasijiet imwettqa u f'liema cirkostanzi tali persuni jistghu jezimu ruhhom mir-responsabbilta`.

Fil-kaz odjern l-appellant jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta` **"jekk huwa jgib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diligenza ragonevoli jsir jaf b'dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas."** Tali prova ma ngabitx. Kull ma qal l-appellant hu li hu kien jiehu hsieb il-*marketing* u Ivano Arcidiacono kien jiehu hsieb l-*accounts* u allura wkoll dak li kellu x'jaqsam mal-VAT. Mistoqsi ghandux ideja ghaliex Ivano Arcidiacono ma pprezentax id-denunzji relattivi, l-appellant wiegeb: *"M'ghandix ideja. Ghax f'idejh. Jiena fis-sales ikolli x'naqsam, fil-marketing."* Jigifieri lanqas ipprova jindaga ghaliex ma pprezentahomx u lanqas ipprova jaghmel xi haga biex jara li jigu pprezentati. Bhala direttur kellu diversi modi kif seta' jirsisti biex id-denunzji jigu pprezentati, izda ghax ma kienx il-kamp tieghu ghazel li ma jaghmel xejn.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh u, stante li ma jirrizultax li d-denunzji ghadhom gew ipprezentati, mhuwiex il-kaz li jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi l-perijodu ta' tliet xhur sabiex l-appellant jikkonforma ruhu mal-ligi jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------